



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10071/22

ESPACE 69
CFSP/PESC 756
CSDP/PSDC 351
TRANS 372

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 10 ta' Ġunju 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9395/22

Suġġett: Approċċ tal-UE għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-10/06/2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ tal-UE għall-
ġestjoni tat-traffiku spazjali, adottati mill-Kunsill fit-3877 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Ġunju
2022.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ tal-UE għall-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2021¹ dwar "Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u spazjali", li ttabbar l-iżvilupp ta' "Strateġija tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju (STM)" bħala proġett ewlieni ġdid;
- B. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2021 dwar "L-ispazju għal kulħadd"², li jirrikonoxxu l-importanza tal-komponent tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA), inkluża s-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST), fil-protezzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-ispazju, u li jenfasizzaw il-ħtieġa li titkompla d-diskussjoni dwar l-iżvilupp tal-STM fil-livelli politiċi, legali u tekniċi u li jittieħdu azzjonijiet għalihom;
- C. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2021 dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni"³, li jissottolinjaw l-importanza li jiġi żviluppat approċċ STM għall-Ewropa fil-futur u li jiggwidaw l-istandards globali, kif ukoll jirrikonoxxu l-oportunitajiet li jiġbu magħhom is-servizzi operattivi fil-qasam tal-SSA, fl-appoġġ ta' attivitajiet fl-ispazju siguri, mingħajr periklu u sostenibbli u fil-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ispazju Ewropea;

¹ COM (2021)70 tat-22 ta' Frar 2021.

² 14307/21.

³ 8956/21.

- D. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2020 dwar "Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali"⁴, li jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ aktar koordinat għall-STM fil-livell Ewropew (inkluż dak tekniku u operattiv), sabiex jiġu ppreservati l-interessi tagħha, biex jiġu protetti l-investimenti privati u pubbliċi tagħha fl-ispazju b'mod sostenibbli, kif ukoll jilqgħu l-fatt li l-Unjoni Ewropea qed tesplora l-possibbiltà li tiddikjara l-aċċettazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi skont it-Trattati u l-Konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ispazju Extratmosferiku;
- E. fir-rapport tal-Presidenza dwar l-STM tal-4 ta' Novembru 2021⁵, bħala kisba importanti fil-pjan direzzjonali approvat mill-Kunsill, li jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ tal-STM tal-UE f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁶ filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri u l-intenzjoni tagħhom li jibqgħu responsabbli għall-iżvilupp, għas-superviżjoni u għall-infurzar tar-regoli tal-STM.
1. JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni (RGħ) għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju – Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali"; JILQA' d-definizzjoni operattiva tal-STM proposta f'dik il-Komunikazzjoni; u JIPPROPONI l-użu ta' dik id-definizzjoni bħala bażi għall-ħidma li għaddejja fil-livell tal-UE u t-tħejjija tal-kontribuzzjonijiet tal-UE għad-diskussjonijiet internazzjonali;
 2. JIRRIKONOXXI li l-STM tinvolvi sfidi strateġiċi, ta' kompetittività u innovazzjoni li jistgħu jiġu indirizzati aħjar permezz ta' dialogu msaħħaħ u azzjonijiet miftiehma bejn l-Istati Membri bil-għan li jiġu kondiviżi l-kapaċitajiet, l-informazzjoni u l-aħjar prattiki;

⁴ 12851/20.

⁵ 13407/21 + COR1.

⁶ B'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 189.

3. JISSOTTOLINJA li l-SSA huwa element essenzjali għaż-żamma ta' aċċess awtonomu għall-ispazju extratmosferiku u għall-użu tiegħu, u li l-iżvilupp u t-titjib tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-SSA permezz ta' sforz komuni ser jipprovdu bażi soda għall-preservazzjoni tal-klassifikazzjoni globali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fost il-potenzi tal-ispazju;
4. JILQA' l-mekkaniżmu għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-UE sabiex jiġu aggregati, sal-bidu tal-2023, ir-rekwiżiti ċivili u ta' difiża għal approċċ tal-STM tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikitajiet tal-avjazzjoni fejn jeħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; u JIRRIKONOXXI l-hteġa li jiġi żgurat li l-approċċ tal-STM tal-UE jkun konsistenti mal-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża;

I. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħna

5. JENFASIZZA l-importanza tal-awtonomija tal-Unjoni fil-monitoraġġ, il-mitigazzjoni u r-rimedju tar-riskji fl-ispazju, mill-ispazju kif ukoll lejha, sabiex jiġu protetti l-assi spazjali tagħha kif ukoll dawk tal-Istati Membri tagħha u tal-kumpaniji tal-UE, u biex jinżamm, fuq terminu twil, aċċess Ewropew affidabbli u awtonomu għall-ispazju, u l-użu paċifiku, sikur, sigur u sostenibbli tal-ispazju extratmosferiku;
6. JISSOTTOLINJA li, permezz ta' żviluppi nazzjonali u flimkien mal-konsorzju tal-SST tal-UE u l-industrija, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha diġà żviluppaw kapaċitajiet operazzjonali ta' sorveljanza u traċċar fl-ispazju ta' livell dinji, li jipprovdu servizzi operazzjonali u ta' kwalità għolja, bħall-evitar ta' kolliżjonijiet, l-analiżi tad-dħul mill-ġdid u l-analiżi tal-frammentazzjoni, li fuqhom għandu jinbena approċċ tal-STM tal-UE;
7. IFAKKAR li l-konsorzju tal-SST tal-UE diġà jipprovdi servizzi għall-evitar ta' kolliżjonijiet għal aktar minn 270 satellita istituzzjonali, kummerċjali u militari distribwiti f'Orbita Dinjija Baxxa, f'Orbita Dinjija Medja u f'Orbita Ġeostazzjonarja, u jipprovdi wkoll servizzi ta' dħul mill-ġdid, li jindirizzaw ir-riskju għad-dominju tal-ispazju tal-ajru, tal-art u dak marittimu, li ġie maħluq mid-dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ta' oġġetti, u mis-servizzi ta' frammentazzjoni, inkluż il-provvista reċenti ta' informazzjoni siewja dwar il-frammentazzjoni li tirriżulta mill-qerda intenzjonali u irresponsabbli ta' satellita inattiva, u għalhekk, diġà qed jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-UE u għall-protezzjoni tal-assi spazjali tal-UE u tal-Istati Membri;

8. JAPPOĠĠA l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-SSA fl-oqsma tal-SST, tat-temp spazjali u l-oġġetti qrib id-dinja sabiex jinkiseb livell oġhla ta' awtonomija strateġika; u JIRRAKKOMANDA l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal investimenti futuri tal-Unjoni;
9. JIRRAKKOMANDA, għal dan il-għan, li l-ħidma tas-sħubija futura tal-SST tal-UE tiffoka fuq:
 - a. it-titjib u l-ottimizzazzjoni tan-network ta' sensuri;
 - b. it-titjib tas-servizzi eżistenti u l-iżvilupp ta' servizzi ġodda, bħall-appoġġ għall-mitigazzjoni tal-ġenerazzjoni u r-rimedju tal-iskart spazjali;
 - c. it-titjib u l-aċċellerazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data tal-SST, inkluż id-data kummerċjali, permezz tal-bażi tad-data operazzjonali tal-SST tal-UE;
 - d. il-bini u ż-żamma ta' katalogu tal-UE aktar awtonomu ta' oġġetti spazjali;
10. JIRRIKONOXXI r-rwol futur tal-Aġenzija għall-Programm Spazjali tal-UE fit-tħaddim tal-funzjonijiet tal-front desk tal-SST tal-UE;
11. IĦEĠĠEĠ lill-membri attwali tal-konsorzju tal-SST tal-UE u lil Stati Membri interessati oħra biex jiffurmaw sħubija ġdida fl-SST filwaqt li jżommu l-governanza trasparenti, effiċjenti u aġili; JAPPOĠĠA s-sħubija l-ġdida tal-SST, li fiha kull membru għandu jkollu rwoli u responsabbiltajiet imfassla apposta bbażati fuq il-valur miżjud u soġġetti għall-evitar ta' duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi; JAPPOĠĠA l-inklużjoni ta' kapaċitajiet addizzjonali tal-Istati Membri fl-SST tal-UE li jistgħu jtejjbu s-servizzi pprovduti mis-sħubija futura; u JIPPROPONI riflessjoni dwar in-natura tas-sħubija futura;

12. IHEĠĠĠ lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, toħloq il-kundizzjonijiet għal ekosistema sostenibbli, ta' suċċess, innovattiva u kompetittiva tal-industrija u tan-negozji ġodda tal-UE, b'appoġġ għall-attivitajiet tas-sħubija futura tal-SST tal-UE u b'mod komplementari għalihom; JILQA' l-istabbiliment ta' forum mal-industrija u n-negozji ġodda tal-UE biex jiġu żgurati l-arrikkiment reċiproku u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi u tal-innovazzjoni bil-ħsieb li titrawwem il-kompetittività tal-UE u tiġi kkonsolidata ekosistema tal-SST; u JHEĠĠĠ lill-Kummissjoni, flimkien mal-industrija u n-negozji ġodda tal-UE, iwettqu valutazzjoni bir-reqqa tas-suq tas-servizzi ta' valur miżjud;
13. IHEĠĠĠ lis-sħubija futura tal-SST tal-UE, wara konsultazzjoni mal-industrija u n-negozji ġodda tal-UE, biex trawwem l-akkwist pubbliku ta' data f'konformità ma' politika tad-data msaħħa, biex tkompli tingrana l-kontributi kummerċjali u tiffaċilita l-provvista ta' servizzi kummerċjali komplementari għas-servizzi operazzjonali pubbliċi, jew il-bini tad-data minn dawn tal-aħħar;
14. JAPPOĠĠA l-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-STM; u JHEĠĠĠ lill-Kummissjoni tibda azzjonijiet speċifiċi fil-qafas tal-inizjattiva CASSINI biex jiġi żgurat li n-negozji ġodda tal-UE jkunu kapitalizzati biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom ta' innovazzjoni u jikkompetu ma' atturi li qed jikbru malajr u li mhumiex fl-UE;
15. JILQA' l-kooperazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fl-STM permezz tal-attivitajiet tagħha fit-temp spazjali, fl-oġġetti qrib id-dinja, fil-mitigazzjoni tal-iskart spazjali, inkluż il-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja u l-ekodisinn, u r-rimedju tal-iskart spazjali bħas-servizzi fl-orbita, filwaqt li jiġu rispettati r-rwoli u r-responsabbiltajiet korrispondenti tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha u tal-ESA u tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi;

II. L-inkoraġġiment ta' koordinazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-istandardizzazzjoni

16. JIRRIKONOXXI r-rwol li l-Kummissjoni jista' jkollha fil-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni bejn l-isforzi nazzjonali tal-Istati Membri biex ikunu jistgħu jindirizzaw il-leġiżlazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-STM, sabiex titrawwem il-konverġenza tal-pożizzjonijiet nazzjonali dwar approċċ tal-UE għall-STM, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali, b'mod partikolari għar-rwol tal-Istati Membri fl-iżvilupp, fis-superviżjoni u fl-infurzar tar-regoli tal-STM;
17. JIRRAKKOMANDA li tingħata kunsiderazzjoni lill-adozzjoni ta' strumenti nazzjonali xierqa, li għandhom jissaħħu pass pass, bħal-linji gwida, l-istandards, ir-regoli jew il-leġiżlazzjoni; u JILQA' l-proposta għal sett ta' għodod li jista' jgħin biex jiġi identifikat sett komuni possibbli ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri;
18. JILQA' l-proposta li jiġi stabbilit forum tal-UE biex tiġi żgurata kondiviżjoni effettiva ta' informazzjoni u koordinazzjoni aħjar fl-iżvilupp tal-istandards u l-linji gwida internazzjonali; JENFASIZZA li dan il-forum tal-UE jeħtieġ li jinkludi esperti rilevanti mill-Istati Membri u mill-industrija; IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp tal-għarfien espert nazzjonali fl-Istati Membri kollha; u JILQA' l-identifikazzjoni tal-miżuri possibbli li jħallu impatt kemm jista' jkun biex tiġi inċentivata l-implimentazzjoni ta' linji gwida u standards internazzjonali relatati mal-STM filwaqt li jsiru sforzi għall-interoperabbiltà;
19. JIRRAKKOMANDA li jiġi żgurat approċċ koerenti bbażat fuq suq intern li jiffunzjona tajjeb, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ ir-riskji u l-benefiċċji tal-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-STM dwar il-kompetittività tal-industrija tal-UE u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha; IFAKKAR, f'dan ir-rigward, fil-ħtieġa ta' reċiproċità globali fl-iżvilupp ta' sett ta' obbligi sabiex jiġi evitat li tiġi affettwata l-kompetittività tal-industrija tal-UE u tan-negozji ġodda tal-UE;

20. JAPPOĠĠA, bħala prijorit , l-implimentazzjoni ta' linji gwida għall-mitigazzjoni tal-iskart spazjali biex tiġi limitata kemm jista' jkun il-produzzjoni ta' skart ġdid matul i - iklu tal-ħajja sħiħ ta' sistema spazjali, li timmira lejn politika spazjali ta' skart zero; u JISSOTTOLINJA l-iżvilupp ta' linji gwida, standards jew regoli għall-koordinazzjoni tal-manuvri meħtieġa biex jiġu evitati kolliżjonijiet potenzjali bejn oġġetti attivi minn operatori differenti;

III. It-tisħiħ tal-vu i tal-UE fix-xena internazzjonali

21. JIRRAKKOMANDA l-promozzjoni tal-kondiviżjoni internazzjonali tal-piżijiet biex tiġi indirizzata l-isfida globali tal-STM permezz ta' kontribuzzjonijiet reġjonali bħall-appro   tal-UE għall-STM, inkluż il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data u l-provvista ta' servizzi fir-rigward tal-STM;
22. JILQA' l-ħidma tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu Pa ifiku tal-Ispazju Extratmosferiku (UNCOPUOS) u s-sottokumitati tiegħu; JISTIEDEN lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jħaffu l-implimentazzjoni tal-21 Linji Gwida volontarji għas-Sostenibbilt  fit-Tul (LTS) tal-Attivitajiet fl-Ispazju Extratmosferiku kif ukoll il-Linji Gwida dwar it-Tnaqqis tal-Iskart Spazjali tal-UNCOPUOS u l-Linji Gwida dwar it-Tnaqqis tal-Iskart Spazjali tal-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Iskart Spazjali Interaġenzjali u biex jikkondividu, fuq bażi volontarja, l-esperjenzi tagħhom f'dan il-qasam; u JĦEĠĠEĠ, b'mod partikolari, lill-Istati Membri jiskambjaw il-fehmiet dwar in-negozjati li għaddejjin fil-Grupp ta' Ħidma tal-LTS fi Vjenna;
23. IFAKKAR fil-ftehim preliminari meħtieġ bejn l-Istati Membri, bħala l-ewwel pass, sabiex tiġi promossa kollettivament pożizzjoni tal-UE għall-STM unifikata f'kuntest Ewropew usa' u internazzjonalment, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-interessi tal-Istati Membri u tal-industrija tal-UE; JIRRAKKOMANDA li jiġu żviluppati, fost l-Istati Membri, linji komuni li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli biex jiġi promoss l-appro   tal-UE għall-STM, tiġi msaħħa l-vu i tal-UE f'diskussjonijiet internazzjonali possibbli dwar l-STM u jkun hemm involviment ma' sħab ewlenin u ma' pajjiżi terzi, jekk ikun xieraq, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri;

24. IĦEĠĠEĠ lill-UE tiddikjara l-aċċettazzjoni tagħha tad-drittijiet u l-obbligi skont it-Trattati u l-Konvenzjonijiet dwar l-Ispazju Extratmosferiku rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-Ftehim dwar is-Salvataġġ, il-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà u l-Konvenzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni; u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżviluppa l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti f'dawn il-Konvenzjonijiet, b'mod partikolari r-reġistrazzjoni tas-satelliti Galileo.
-